

Brussell, 11 ta' Settembru 2026
(OR. en)

13076/26

PROBA 27
DEVGEN 148
FORETS 125
ENV 1062
WTO 91

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	11 ta' Settembru 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 454 final
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-parteċipazzjoni fin-negozjati għal ftehim internazzjonali jew strument ieħor li jissostitwixxi l-Ftehim Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 454 final.

Mehmuż: COM(2026) 454 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.9.2026
COM(2026) 454 final

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li tawtorizza l-parteeċipazzjoni fin-negozjati għal ftehim internazzjonali jew strument
ieħor li jissostitwixxi l-Ftehim Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAR-RAKKOMANDAZZJONI

• Raġunijiet u objettivi tar-rakkomandazzjoni

Din ir-rakkomandazzjoni tikkonċerna deċiżjoni li tawtorizza l-parteċipazzjoni fin-negozjati għal ftehim internazzjonali li jissostitwixxi l-Ftehim Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali (ITTA) tal-2006.

L-ITTA tal-2006 għandu l-għan li jippromwovi l-ġestjoni sostenibbli u l-konservazzjoni tal-foresti tropikali, u l-espansjoni u d-diversifikazzjoni tal-kummerċ internazzjonali tal-injam tropikali minn foresti ġestiti b'mod sostenibbli u maħsuda legalment. Dan hu l-bażi tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Injam Tropikali (ITTO), li tiżviluppa linji gwida maqbula internazzjonalment biex tippromwovi kummerċ responsabbli tal-injam tropikali u ġestjoni sostenibbli tal-foresti (SFM), tassisti lill-pajjiżi membri fl-adattament u l-implimentazzjoni tal-istandards rilevanti, tiġbor u xxerred data dwar il-produzzjoni u l-kummerċ tal-injam tropikali, tippromwovi ktajjen tal-provvista sostenibbli, u tibni l-kapaċità fil-forestrija tropikali. Dawn l-elementi huma importanti biex jappoġġaw il-funzjonament tajjeb, it-trasparenza, il-prevedibbiltà u s-sostenibbiltà tas-suq internazzjonali tal-injam tropikali.

L-ITTA tal-2006¹ daħal fis-seħħ fis-7 ta' Diċembru 2011 għal perjodu ta' għaxar snin, ġie estiż għal perjodu ta' ħames snin² u mbagħad għal perjodu ta' tliet snin oħra³. L-ITTA tal-2006 ma jipprevedi l-ebda estensjoni lil hinn mis-6 ta' Diċembru 2029. L-Unjoni Ewropea hija parti għall-ITTA tal-2006⁴.

Skont l-Artikolu 44 tal-ITTA tal-2006, il-Kunsill Internazzjonali tal-Injam Tropikali (ITTC) għandu l-awtorità li jibda u jiggwida l-proċess tan-negożjar ta' ftehim ġdid. Abbażi ta' dan, l-ITTC 60 u l-ITTC 61 nedew konsultazzjonijiet informali. In-negożjati formali u l-konklużjoni ta' ftehim ġdid jistgħu jsiru permezz ta' grupp tan-negożjati intergovernattiv, taħt l-awspiċi tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp (UNCTAD) kif kien il-każ għall-ITTA attwali u l-predeċessuri tiegħu.

Il-membri attwali tal-ITTO jirrappreżentaw madwar 80 % tal-foresti tropikali tad-dinja u aktar minn 90 % tal-kummerċ tal-injam u tal-prodotti tal-injam. Iżda fit-23 ta' Lulju 2026, l-Istati Uniti nnotifikaw formalment lid-depożitarju tan-Nazzjonijiet Uniti li se jirtiraw mill-ITTO. Dan l-irtirar jagħmel parti minn deċiżjoni usa' ta' tluq minn haġna organizzazzjonijiet internazzjonali. L-ITTC jikkonsisti mill-membri kollha tal-ITTO. L-ITTO għandha żewġ kategoriji ta' sħubija: produttori u konsumaturi.

B'kollox, il-membri tal-ITTC għandhom 2000 vot (il-produttori u l-konsumaturi għandhom 1000 vot kull wieħed). Il-kontribuzzjonijiet annwali u l-voti jitqassmu b'mod ugwali bejn dawn iż-żewġ caucuses. F'kull caucus, il-ħlasijiet u l-voti tal-membri individwali jiġu kkalkulati abbażi tal-ishma tagħhom fil-kummerċ tal-injam tropikali u, fil-każ tal-produttori, fuq il-firxa tal-foresti tropikali fil-pajjiż, ħlief għall-membri Afrikani, li lkoll għandhom ammont ugwali ta' voti u l-istess kontribuzzjoni vvalutata. L-UE tħallas l-akbar sehem ivvalutat tal-kontribuzzjonijiet (imħallas mill-Kummissjoni għall-Istati Membri kollha) lill-

¹ [L-ITTA tal-2006 bl-Ingliż](#)

² [Id-Deċiżjoni 4\(LVII\) tal-ITTC](#)

³ [Id-Deċiżjoni 1\(LIX.1\) tal-ITTC](#)

⁴ [Id-Deċiżjoni \(UE\) 2007/648 – MT – EUR-Lex](#)

baġit amministrattiv tal-ITTO u għandha l-akbar ammont ta' voti (kif ukoll l-akbar ammont ta' membri konsumaturi).

Skont l-Artikolu 7(a), l-ITTC jista' jieħu wkoll deċiżjonijiet mingħajr ma jiltaqa'.

Id-diskussjonijiet dwar ITTA ġdid diġà bdew fl-2024, inkluż fi "Grupp ta' Ħidma Preparatorju". Abbażi ta' daww id-diskussjonijiet, l-aspettattiva hi li ħafna Partijiet jixtiequ jkomplu l-ITTO u l-oġettivi jibqgħu b'mod ġenerali ma jinbidlux. Waqt l-ITTC 61 ġie deċiż li l-ewwel laqgħa tal-Kumitat Preparatorju għan-negozjati tal-ITTA se ssir fiżikament waqt l-ITTC 62 li se ssir bejn id-9 u l-14 ta' Novembru 2026 f'Yokohama, il-Ġappun. Dan il-Kumitat Preparatorju se jagħmel aktar diskussjonijiet informali qabel in-negozjati formali, aktarx taħt l-awspiċi tal-UNCTAD.

Din ir-rakkomandazzjoni hi għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-parteċipazzjoni fin-negozjati fil-Kunsill Internazzjonali tal-Injam Tropikali għal ftehim internazzjonali li jissostitwixxi l-ITTA tal-2006. Jekk in-negozjati dwar ftehim suċċessur jiġu konklużi b'suċċess, il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposti għal deċiżjonijiet tal-Kunsill skont l-Artikolu 218(5) u (6) tat-TFUE li jawtorizzaw l-iffirmar u l-konklużjoni tal-ITTA il-ġdid f'isem l-Unjoni. Daww il-proposti jistgħu, iżda, jiddependu fuq assigurazzjonijiet xierqa (fil-kontenut tal-ftehim negozjat jew barra minnu) miksuba dwar kwistjonijiet pendenti ewlenin, b'mod partikolari n-nuqqas ta' ħlas minn grupp sinifikanti ta' pajjiżi u livelli baxxi tal-parteċipazzjoni fl-ITTC. Daww l-assigurazzjonijiet jistgħu jkunu parti mill-eżiti n-negozjati, kif ukoll barra mit-test legali.

L-ITTC 62 jew il-korp tan-negozjati jaf ikunu jixtiequ jesploraw l-alternattiva li jilhqgħu l-oġettivi tal-ITTO bi strument alternattiv, eż. mhux ibbażat fuq it-Trattat, li jkun barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni.

Ir-rakkomandazzjoni fiha direttivi tan-negozjati fl-Addendum.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Il-pożizzjoni proposta hija konsistenti mal-politiki u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, bħal:

Il-Politika Kummerċjali tal-UE⁵, b'mod partikolari fir-rigward tal-kummerċ ħieles u ġust.

Ir-Regolament tal-UE dwar id-Deforestazzjoni (EUDR)⁶ li għandu l-għan li jnaqqas id-deforestazzjoni u jippromwovi l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti. L-EUDR jeżiġi wkoll li l-kumpaniji jwettqu diliġenza dovuta fuq il-ktajjen tal-provvista tagħhom.

L-Istrateġija tal-UE għall-Foresti għall-2030⁷, li għandha l-għan li ttiproteġi l-foresti u s-servizzi tal-ekosistema tagħhom, tikkontribwixxi għal ekonomija moderna, newtrali għall-klima, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva, u tippreżerva żoni rurali vivaċi.

Il-Komunikazzjoni tal-UE⁸ dwar it-tisħiħ tal-azzjoni tal-UE għall-protezzjoni u r-restawr tal-foresti tad-dinja.

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali (FLEGT)⁹ li għandu l-għan jiġġieled il-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u jippromwovi l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti.

⁵ COM(2021)66 final: Rieżami tal-Politika Kummerċjali – Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva.

⁶ Ir-Regolament (UE) 2023/1115 dwar prodotti mingħajr deforestazzjoni

⁷ COM(2021)572: L-Istrateġija tal-UE għall-Foresti għall-2030

⁸ COM(2019)352 final: Tisħiħ tal-azzjoni tal-UE għall-protezzjoni u r-restawr tal-foresti tad-dinja

Ir-Regolament rivedut (2024) dwar l-Użu tal-Art, it-Tibdil fl-Użu tal-Art u l-Forestrija (LULUCF)¹⁰ li jhegġegħ il-konservazzjoni, ir-restawr u r-reżiljenza tal-foresti u jippromwovi monitoraġġ u rapportar trasparenti.

Il-mekkaniżmu għat-Tnaqqis tal-Emissjonijiet mid-Deforestazzjoni u d-Degradazzjoni tal-Foresti (REDD+)¹¹ li jippreżerva u jsaħħaħ ir-rwol tal-foresti tropikali fil-mitigazzjoni, l-adattament u l-iżvilupp tat-tibdil fil-klima.

L-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030¹², b'mod partikolari l-mira li jieqaf it-telf tal-bijodiversità, jithegġegħ l-iżvilupp sostenibbli fit-tipi kollha ta' foresti u jitħarsu b'mod strett il-foresti primarji u antiki kollha li fadal fl-UE.

Il-Liġi tal-UE dwar il-Klima¹³ li tagħraf ir-rwol tal-foresti bħala bjar tal-karbonju, għall-ħżin u għas-sostituzzjoni tal-karbonju, u b'hekk tgħin biex jonqsu l-gassijiet serra fl-atmosfera.

Il-Politika Agrikola Komuni (PAK) tal-UE¹⁴ li tappoġġa interventi għall-afforestazzjoni, il-ħolqien u r-riġenerazzjoni ta' sistemi agroforestali, il-protezzjoni, ir-restawr u t-titjib tar-riżorsi tal-foresti, il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, kif ukoll investimenti li jsaħħu l-konservazzjoni u r-reżiljenza tal-foresti u l-ġhoti ta' servizzi tal-ekosistema tal-foresti.

Konsistenza ma' politiki oħra tal-UE

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew tal-UE, maħsub biex jitransforma l-Ewropa f'ekonomija newtrali għall-klima, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva, jallinja l-politiki tal-UE mal-oġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, u jwieġeb id-domanda taċ-ċittadini għal azzjoni klimatika aktar b'saħħitha.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi legali sostantiva

Il-baży legali sostantiva tal-ftehim previst hija l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, u l-Artikolu 192(1) tat-TFUE.

Il-ftehim previst għandu l-għan li jappoġġa l-kummerċ internazzjonali tal-injam tropikali. Il-ftehim jippromwovi l-espansjoni u d-diversifikazzjoni tal-kummerċ tal-injam tropikali minn sorsi ġestiti b'mod sostenibbli u maħsuda legalment, jappoġġa t-trasparenza u l-prevedibbiltà ta' dak il-kummerċ, u jipprevedi l-ġbir u t-tixrid ta' data dwar il-produzzjoni u l-kummerċ tal-injam tropikali. Jappoġġa wkoll regoli, linji gwida u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni maqbula internazzjonalment li jiffaċilitaw il-funzjonament tas-suq u jippromwovu ktajjen tal-provvista

⁹ COM(2003)251 final: Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali (FLEGT) – Proposta għal Pjan ta' Azzjoni tal-UE

¹⁰ Ir-Regolament (UE) 2018/841 (LULUCF) dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030; Ir-Regolament (UE) 2023/839 (emenda)

¹¹ L-UNFCCC (2013), il-Qafas ta' Varsavja għar-REDD+, id-Deċiżjonijiet 9/CP.19–15/CP.19, adottati mill-Konferenza tal-Partijiet waqt id-dsatax-il sessjoni tagħha (COP19), Varsavja, il-Polonja.

¹² COM/2020/380 final: L-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 – Inreġġgħu n-natura lura f'haġġitna

¹³ Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima").

¹⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013.

responsabbli. Dawk il-komponenti għandhom rilevanza diretta għall-politika kummerċjali komuni.

Il-ftehim għandu wkoll l-għan li jippromwovi ġestjoni u konservazzjoni sostenibbli tal-foresti tropikali, li huma objettivi ambjentali li jaqgħu taħt l-Artikolu 192(1) tat-TFUE, inkluż b'assistenza lill-pajjiżi membri fl-adattament u l-implimentazzjoni ta' standards ambjentali u soċjoekonomiċi u fil-promozzjoni ta' ktajjen tal-provvista sostenibbli.

L-objettivi kummerċjali u ambjentali, it-tnejn huma importanti, u l-ebda wieħed minnhom ma jista' jitqies bħala sempliċiment anċillari għall-ieħor.

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim previst mhux mistenni li jkun differenti ħafna mill-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim attwali. Anki s-sħubija tal-UE fil-ftehim attwali u l-mandat għan-negozjati tiegħu kienu bbażati fuq l-Artikolu 207(4) u l-Artikolu 192(1).

Bħall-ITTA tal-2006 attwali, ftehim suċċessur jenħtieġ li jippermetti l-flessibbiltà biex jinħatfu l-opportunitajiet u jiġi indirizzat it-theddid li jaf ikun hemm, kemm għad-dimensjoni kummerċjali kif ukoll dik ambjentali.

Bażi legali proċedurali

L-Artikolu 218(3) tat-TFUE jipprevedi li, meta l-ftehim previst ma jkunx jirrigwarda esklużivament jew prinċipalment il-politika estera u tas-sigurtà komuni, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill. Il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati u li tinnomina n-negozjatur tal-Unjoni jew il-kap tat-tim tan-negozjati tal-Unjoni.

L-Artikolu 218(4) tat-TFUE jipprevedi li l-Kunsill jista' jindirizza direttivi tan-negozjati lin-negozjatur u jaħtar kumitat speċjali biex jikkonsulta lin-negozjatur.

Il-Kummissjoni tirrakkomanda li jinfetħu negozjati fil-Kunsill Internazzjonali tal-Injam Tropikali għal ftehim internazzjonali li jieħu post l-ITTA tal-2006. Il-Kummissjoni għandha tinħatar bħala negozjatur.

Għaldaqstant, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati tal-ftehim previst hija l-Artikolu 218(3) u (4) tat-TFUE.

Għażla tan-negozjatur

Peress li l-ftehim previst ikopri esklużivament materji li mhumix il-Politika Estera u tas-Sigurtà Komuni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tinħatar bħala n-negozjatur skont l-Artikolu 218(3) tat-TFUE.

Kompetenza tal-Unjoni

Il-kompetenza fil-qasam tal-kummerċ hi esklużiva skont l-Artikolu 3(1)(e) tat-TFUE (il-politika kummerċjali komuni).

It-Trattati ma jsemmux b'mod espliċitu l-“politika tal-foresti”, iżda l-UE għandha firxa ta' kompetenzi kondiviżi li huma relatati mal-foresti bħall-klima, l-ambjent, l-iżvilupp rurali, u dawk il-kompetenzi eżerċitathom b'diversi strumenti, bħar-Regolament (UE) 2021/1119 (il-Liġi Ewropea dwar il-Klima), ir-Regolament (UE) 2018/841 (ir-Regolament LULUCF), ir-Regolament (UE) 2023/1115 (ir-Regolament tal-UE dwar id-Deforestazzjoni) u r-Regolament (UE) 2021/2115 (ir-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-Politika Agrikola Komuni).

- **Sussidjarjetà u Proporzjonalità**

L-UE diġà hija parti għall-ITTA tal-2006 u tipparteċipa attivament f'dak il-forum bħalma huma l-Istati Membri tagħha. L-Unjoni jenħtieġ li tipparteċipa fi kwalunkwe negozjati dwar is-sostituzzjoni tiegħu biex tiżgura l-adegwatezza tiegħu u li dan jaqbel mal-politiki u l-oġettivi tal-Unjoni biex l-Unjoni tkun tista' tikkunsidra li tingħaqad miegħu.

Barra minn hekk, l-ITTO ilha ħafna snin tiffunzjona abbażi tal-ITTA tal-2006 u l-predeċessuri tiegħu. Bordijiet oħra tal-Komoditajiet huma bbażati fuq ftehimiet internazzjonali simili. L-ITTO qed tesperjenza diversi sfidi u hemm bżonn effiċjenza massima fis-sistema kollha tan-NU. Għalhekk, f'dan l-istadju, l-UE jenħtieġ li ma teskludix eżitu differenti tan-negozjati li ma jkunx ibbażat fuq it-Trattat.

- **Għażla tal-istrument**

Din ir-rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill qed tiġi ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 218(3) u (4) tat-TFUE, li jipprevedi l-adozzjoni mill-Kunsill ta' deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati u li taħtar in-negozjatur tal-Unjoni. Il-Kunsill jista' jindirizza wkoll id-direttivi tan-negozjati lin-negozjatur. Ma jeżisti l-ebda strument legali ieħor li jista' jintuża biex jintlaħaq l-oġettiv espress f'din ir-rakkomandazzjoni.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli

- **Drittijiet fundamentali**

Skont l-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fil-politiki tal-Unjoni jrid jiġi integrat livell għoli ta' protezzjoni ambjentali kif ukoll titjib fil-kwalità tal-ambjent, filwaqt li dawn jiġu żgurati f'konformità mal-prinċipju tal-iżvilupp sostenibbli. Ir-rakkomandazzjoni proposta titlob awtorizzazzjoni għall-ftuħ ta' negozjati għal ITTA tal-2006 ġdid f'konformità, fost l-oħrajn, mal-politiki tal-Unjoni dwar l-ambjent. Dan ikollu impatt pożittiv fuq id-dritt għall-protezzjoni ambjentali, kif stabbilit fl-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

F'dan l-istadju huwa impossibbli li jiġu ddeterminati l-implikazzjonijiet baġitarji eżatti ta' din l-inizjattiva għax il-kamp ta' applikazzjoni u l-aspetti ewlenin tagħha għad iridu jiġu negozjati b'mod multilaterali.

Għall-informazzjoni, skont l-ITTA tal-2006 attwali, l-UE tħallas kontribuzzjoni annwali lill-ITTO għas-sħubija tagħha u tal-Istati Membri tal-UE li huma membri tal-ITTO. Il-baġit jiġi deċiż waqt l-ITTC kull sentejn. Il-kontribuzzjoni vvalutata għall-2026 tammonta għal USD 1 201 686,00.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Id-dispożizzjonijiet jistgħu jiddependu fuq l-evoluzzjoni tan-negozjati.

L-ITTA attwali ma jinkludix rekwiżiti għall-Partijiet biex jirrapportaw dwar l-implimentazzjoni. Madankollu, dan jipprevedi li l-Partijiet jissottomettu data rilevanti dwar il-kummerċ u s-suq fid-dawl tal-prodotti tal-informazzjoni tal-ITTO.

L-ITTC jippubblika rapport annwali dwar l-attivitajiet tiegħu u informazzjoni oħra li jqis li jkunu xierqa. L-ITTC jirrieżamina u jivvaluta kull sentejn is-sitwazzjoni internazzjonali tal-injam u fatturi oħra rilevanti biex jintlaħqu l-oġettivi tal-ITTA. Dan jipprovdi wkoll informazzjoni dwar ix-xejriet fiż-żona tal-foresti, il-ġestjoni tal-foresti u l-ekonomiji tal-pajjiżi membri tal-ITTO. Il-bażi tad-data statistika online tal-ITTO tipprovdi data tas-serje kronoloġika (li tibda fl-1990) għal 83 pajjiż, inkluż il-pajjiżi membri produttori u konsumaturi kollha tal-ITTO, dwar il-produzzjoni u l-kummerċ ta' 16-il prodott tal-injam primarju, bħal zkuk, injam isserrat, zkuk għall-fuljetti u plywood. Barra minn hekk, l-ITTO tippubblika r-Rapport dwar is-Suq tal-Injam Tropikali kull ġimagħtejn, u dan jagħti aħbarijiet aġġornati dwar is-suq u xejriet tal-prezzijiet minn madwar id-dinja.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli

- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tar-rakkomandazzjoni**

Il-Kummissjoni tirrakkomanda li:

- il-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni biex tipparteċipa fin-negozjati għal ftehim internazzjonali li jissostitwixxi l-ITTA tal-2006;
- il-Kummissjoni tinħatar bħala n-negozjatur tal-UE;
- il-Kummissjoni tmexxi n-negozjati b'konsultazzjoni mal-kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 218(4) tat-TFUE; u
- il-Kunsill japprova d-direttivi tan-negozjati annessi fl-addendum ta' din ir-rakkomandazzjoni proposta.

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza l-partekipazzjoni fin-negozjati għal ftehim internazzjonali jew strument ieħor li jissostitwixxi l-Ftehim Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, u l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali tal-2006 ("ITTA tal-2006") ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/731/UE¹⁵ u daħal fis-seħħ fis-7 ta' Diċembru 2011 għal perjodu ta' għaxar snin. Dan ġie estiż għal perjodu ta' ħames snin u mbagħad għal perjodu ieħor ta' tliet snin. L-ebda estensjoni mhi possibbli wara s-6 ta' Diċembru 2029.
- (2) L-Unjoni jenħtieġ li tkun lesta biex tipparteċipa fin-negozjati ta' ftehim internazzjonali li jissostitwixxi l-ITTA tal-2006, biex tiżgura li ftehim suċċessur, jekk ikun hemm, ikun jaqbel mal-politiki tal-Unjoni, inkluż il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, il-faċilitazzjoni tal-kummerċ, u l-oġettivi tal-protezzjoni ambjentali. Il-ftehim il-ġdid jenħtieġ li jiżgura rappreżentanza bilanċjata tal-pajjiżi produttori u konsumaturi, jappoġġa l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, jippromwovi l-kummerċ legali u sostenibbli fl-injam tropikali, u jistabbilixxi qafas finanzjarju u ta' governanza effettiv u ekwu.
- (3) Il-kamp ta' applikazzjoni ta' ftehim suċċessur jenħtieġ li jkun identiku jew simili għall-kamp ta' applikazzjoni tal-ITTA tal-2006. Iż-żidiet fil-kamp ta' applikazzjoni jenħtieġ li jiġu ġġustifikati sew u jkunu jevitaw id-duplikazzjoni ma' strumenti jew proċessi internazzjonali oħra.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-partekipazzjoni fin-negozjati ta' ftehim suċċessur għall-Ftehim Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali hija b'dan awtorizzata.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni hija b'dan maħtura bħala n-negozjatur tal-Unjoni.

Artikolu 3

¹⁵ [Id-Deċiżjoni \(UE\) 2011/731 – MT – EUR-Lex](#)

Id-direttivi tan-negozjati stabbiliti fl-addendum ta' din id-Deċiżjoni huma b'dan indirizzati lill-Kummissjoni.

Artikolu 4

In-negozjati għandhom isiru b'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Komoditajiet, li b'dan qed jinħatar bħala l-kumitat speċjali previst fl-Artikolu 218(4) tat-TFUE.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*